Issa li ġejt mogħti uffiċjalment il-ministeru ta' Arċipriet ta' din il-parroċċa, flimkien mal-presbiterju **qed nibda nħejji sabiex nifforma u nġedded il-gruppi kollha li jgħinuni fit-tmexxija ta' din il-komunità.** Għaliex ikun żball kbir jekk ikun mingħalija li nista' mmexxi jew niddeċiedi waħdi fuq dak li hu veru ta' ġid għal din il-komunità.

Dan ser isir sabiex: Tingħata fiduċja u possibilità ġdida lil kulħadd sabiex ikun parti mit-tmexxija tal-parroċċa; u sabiex min jidħol f'dawn il-gruppi jassumi d-dmir li jgħinni naħdem bl-iskop li kull deċiżjoni ssir bi mħabba lejn il-komunità u sservi għall-ġid ta' kulħadd.

Bl-istess motivazzjoni, skont il-prassi komuni li titħaddem f'kull ambitu ta' tmexxija amministrattiva jew governattiva, ser jintalab minn kull għaqda li taqa' taħt ir-responsabilità tal-parroċċa, li xxolji l-kumitat b'mod li jkun jista' jiġi ffurmat mill-ġdid b'sejħa ta' membri ġodda u b'elezzjoni. Uħud mill-għaqdiet diġà mdorrijin jagħmluh kull sena skont l-istatut tagħhom. Dawk l-oħrajn li jiddependu mit-treġija tal-Arċipriet ser jiġu mitluba jagħmluh fix-xhur li ġejjin skont il-bżonn partikulari tagħhom.

L-ewwel ser nibdew bit-**tiġdid tal-Kunsill Parrokkjali** li jieħu ħsieb il-koordinament li jsir bejn it-tliet gruppi tal-ħidma pastorali fil-parroċċa tagħna: il-Liturġija, il-Katekeżi u l-Karità. Minn issa sal-1 ta' Novembru ser nitolbu lil kull grupp biex jagħżel persuna li tirrappreżentah fil-Kunsill Parrokkjali.

Imbagħad mal-festa ta' San Koronatu **jingħalaq il-mandat tal-Kumitat Purċissjoni Ġimgħa Kbira, u tal-Kumitat Festi Esterni**, li jinkludi fih is-6 gruppi tal-Armar u tal-Għaqda tan-Nar li huma taħt ir-responsabilità tal-Parroċċa. Minħabba li l-organizzazzjoni tal-festa tal-Imnarja trid issir minn kmieni, ser nibdew bit-**tiġdid tal-kumitat tan-Nar** u għalhekk fil-ġimgħa ta' wara l-festa ta' San Koronatu ser issir sejħa sabiex jinkitbu dawk kollha li jixtiequ jkunu parti mill-kumitat il-ġdid u meta jkunu nġabru, issir elezzjoni bejn il-membri l-ġodda biex jintgħażlu l-irwoli tat-tmexxija.

Fil-15 ta' Novembru fil-5.30pm ser issir Assemblea Parrokkjali fejn fiha jitħabbar il-Kunsill Parrokkjali l-ġdid u jiġi spjegat il-Pjan Pastorali li l-Parroċċa sejra tieħu għas-sena li ġejja.

*Dun Krystof*

**AVVIŻI:**

Din il-ġimgħa mal-bullettin ser jitqassmu l-envelopes tal-Missjoni bit-tħejjija għall-**Ġurnata Missjunarja** li ser issir **fid-19-20 t'Ottubru**. L-envelopes jibdew jinġabru bieb bieb minn nhar it-Tnejn, 14 t'Ottubru.

**Nhar it-Tnejn 14 t'Ottubru**, fil-Knisja tas-Sorijiet Franġiskani, in-Nadur, se ssir il-**laqgħa tal-Grupp tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù**. Il-Programm ser ikun hekk: Rużarju fl-4.30pm u wara Quddiesa. Ċelebrant: Dun Salv Grima. Ejjew u ġibu oħrajn magħkom. Kulħadd hu mistieden.

**Nhar l-Erbgħa, 16 t'Ottubru**, fil-knisja Bażilika se ssir laqgħa **oħra ta' talb fuq l-ispiritwalità ta' Dun Mikiel Attard**. Il-laqgħa se titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u li fiha Emily Muscat ser tkellimna fuq l-esperjenzi tagħha fil-missjoni ma' Dun Mikiel u kif tafu. Tibda fis-5.45pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**Kull nhar ta' Ħamis** bejn il-5.30pm u s-6.30pm fil-knisja waqt il-ħin tal-adorazzjoni ser ikun hemm dejjem **saċerdot disponibbli għall-Qrar.**

**Nhar il-Ġimgħa 18 t'Ottubru** se tingħad it-talba favorita ta' Ommna Marija ħdejn il-partita tal-boċċi fi Triq il-Qortin. Tibda fil-5.30pm. Kulħadd mistieden.

Se jkun hemm **l-għoti tad-demm** fil-Berġa tax-Xewkija nhar it-Tlieta 15 t'Ottubru mis-1.00pm sal-5.00pm, il-Ħadd 20 t'Ottubru mit-8.00am sas-1.00pm jew inkella t-Tlieta 29 t'Ottubru mis-1.00pm sal-5.00pm. Ħudu l-karta tal-identità / il-liċenzja tas-sewqan / passaport Malti. Importanti li tixorbu l-ilma qabel id-donazzjoni tad-demm u oqogħdu attenti biex ma tilbsux kmiem issikkati.

**Mis-Sibt 12 t'Ottubru l-ħin tal-quddies se jkun skont kif indikat hawn:**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; **5.00pm;** 6.30pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am